**28 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Professur Tabib Joseph Galea, M.B.E., M.D., D.P.H. ne.

*versus*

William Spalding

**Alimenti — Kura Medika u Mediċinali — Età Maġġuri — Sptar — Art. 26(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Fil-konċett ta' manteniment jidħlu mhux biss l-ikel, l-ilbies u l-abitazzjoni, imma huma kompriżi wkoll l-ispejjeż għall-kura medika u l-mediċ'nali.*

*L-obligu alimentari ma jispiċċax bil-fatt li l-persuna li jkollha dritt għalihom tkun saret maġġjorenni; għax għalkemm bl-egħluq ta' tmientax il-sena tikber iżjed il-kapaċità għax-xogħol fl-alimentand, dan ma jġibx neċessarjament u dejjem li hu jkun kapaċi u li huwa jsib dan ix-xogħol.*

*Għaldaqstant l-alimentant hu tenut jirrifondi lit-terzi dak l' jkunu nefqu għall-manteniment ta' persuna li hu tenut imantni; u hekk missier hu tenut jirrifondi lil-Gvern l-ispejjeż tal-kura u tal-med'ċinali ta' wliedu fi sptar governattiv, avvolja dawn ikunu maġġjorenni. Fil-każ ta' ftehim huwa tenut bl-"actio mandati"; fin-nuqqas ta' ftehim huwa tenut bl"actio negotiorum gestorum". Fl-ewwel każ, huwa ma jistgħax javanza l-pretensjoni li ma għandux mezzi biex iħallas; fit-tieni każ, huwa jkun tenut iħallas lill-Gvern is-somma kollha minnu reklamata, jew dik is-somma ridotta, jew xejn minnha, skond il-mezzi tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallas lill-attur fil-kwalità tiegħu fuq indikata s-somma ta' £222.7.6, bilanċ ta' £222.10.0, dovuta in kwantu għal (1) £19.7.6 bilanċ ta' £19.10.0 għall-kura u manteniment ta' bintu minuri Beatrice Spalding fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ għall-perijodu mid-9 ta' Settembru 1955 sal-21 ta' Diċembru 1955 bir-rata

ta' 3s.9d. kull jum, u jingħad bilanċ għaliex il-konvenut fl-10 ta' Jannar 1958, ħallas 2s.6d. akkont; (b) £23 dovuti għall-istess raġuni għall-perijodu mid-29 ta' Mejju 1958 sat-28 ta' Novembru 1958 bir-rata ta' 2s.6d. kull jum; (ċ) £177 dovuti għall-istess raġuni għall-perijodu mit-12 ta' Diċembru 1958 sat-30 ta' Novembru 1959 bir-rata ta' 10s. kull jum; (d) u in kwantu għall-bilanċ, £3, għall-kura u manteniment ta' ibnu John Spalding fl-Isptar San Luqa għall-perijodu mill-21 sas-26 ta' Settembru 1958 bir-rata ta' 10s. kull jum. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Mejju 1959 u tal-10 ta' Diċembru 1959, kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta, (a) preliminarment illi l-azzjoni odjerna jmissha saret mill-Accountant General bħala l-persuna li tinkassa l-flus tal-Gvern, u mhux mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, u għalhekk hemm lok għal-liberazzjoni "ab observantia"; (b) u fil-meritu, illi t-talba għandha tiġi respinta, peress li ż-żewġt itfal tal-eċċipjent huma maġġjorenni, u għalhekk huwa mhux responsabbli għalihom;

Rat il-verbal fol. 9, fejn il-konvenut iddikjara illi ma jinsistix fuq il-preġudizzjali;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut;

Illi, apparti l-fatt li Beatrice Spalding saret maġġjorenni fl-4 ta' Lulju 1958 (fol. 15), u parti mid-dejn in kwistjoni jirrimonta għaż-żmien li hija kienet għadha taħt l-età, il-krediti in kwistjoni huma għall-kura u manteniment tal-imsemmija Beatrice fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ u ta' John Spalding, iben ieħor tal-konvenut, fl-Isptar San Luqa;

Illi huwa magħruf li fil-konċett ta' manteniment jidħlu mhux biss l-ikel, l-ilbies u l-abitazzjoni, (art 26(1) Kod. Ċiv.), imma huma kompriżi wkoll l-ispejjeż għall-

kura medika u għall-mediċinali (Kollez. XXVIII-I-474; XXXIII-II-170);

Illi l-obligu alimentari ma jispiċċax bil-fatt li l-persuna li jkollha dritt għall-alimenti tkun saret maġġjorenni; għaliex dan l-obligu hu bażat fuq il-bżonn, li jista' jirrikorri fi kwalunkwe żmien tal-ħajja tal-bniedem. Veru illi b'għeluq it-tmientax il-sena tigber iżjed il-kapaċità għaxxogħol fl-alimentand, iżda dan ma jġibx neċessarjament u dejjem li hu jkun hekk kapaċi u li huwa jsib dan ixxogħol. "Bisogna pensare", josserva l-Avukat Caberlotto, "che non bastano la capaċità di lavorare e la buona volontà di farlo; bisogna trovar da lavorare, e ciò non avviene sempre, o per lo più non avviene così presto . . . . . sarebbe ingiusto, irragionevole ed inumano il negare gli alimenti a colui che cerca lavoro ma non ne trova. Sarà temporaneo l'assegno, ma dev'essere accordato" (Digesto Italiano, voce Alimenti, § 119). F'din is-sens ukoll esprimiet ruħha din il-Qorti fil-kawża "Carmelo Bugeja vs. Felicia Bugeja", deċiża fit-30 ta' Ġunju 1960;

Illi ebda prova ma saret illi l-imsemmija wlied il-konvenut kellhom mezzi biex jgħixu, u għalhekk il-konvenut kien obligat jipprovdi għall-manteniment tagħhom, kompriżi l-ispejjeż għall-kura tagħhom fl-Isptar;

Illi, stabbilit l-obligu alimentari fil-konvenut, huwa tenut, bħala regola, jirrifondi lit-terzi dak li jkunu nefqu għall-manteniment ta' wliedu; u dan għaliex f'każ ta' ftehim huwa tenut bl-"actio mandati", u fin-nuqqas ta' ftehim bl-"actio negotiorum gestorum"; u l-azzjoni odjerna, skond in-nota tal-attur fol. 21, hija bażata fuq il-prinċipji ġenerali tad-dritt; u fuq dawn il-prinċipji din il-Qorti, filkawża "Benjacar ne. vs. Galdes", deċiża fit-22 ta' Jannar 1920, irriteniet illi:— "Il Governo, curando ed alimentando i cittadini che abbiano parenti obbligati ad alimentarli, lo fa senza essere obbligato, ed è da considerarsi come un terzo che presta alimenti ad un estranco 'animo repetendi', agendo come 'negotiorum gestor' e delle volte in virtù del mandato espresso o tacito" (Kollez. XXIV-II-133);

Illi l-unika kwistjoni li tibqa' hija dik aċċennata fid-dikjarazzjoni tal-konvenut, jiġifieri dik rigwardanti l-kapaċità tal-konvenut li jmantni, kif fuq, lill-uliedu u jagħmel l-ispejjeż il-lum reklamati. F'dan is-sens hija d-dottrina (Digesto Italiano, voce citata, §§ 205, 206, 208, u 210); kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna (Kollez. XXIV-II-94 u 133; XXXII-II-154);

Ikkunsidrat, fuq din il-kwistjoni;

Illi mix-xhieda ta' Charles Parlato (fol. 11) jirriżulta li l-konvenut ħallas £2. 5. 0d akkont tal-ispejjeż għall-kura u manteniment ta' Beatrice Spalding meta ġiet ammessa l-ewwel darba fl-Isptar, u l-lum baqgħalu jagħti bilanċ ta' £19. 7. 6d. Kwantu għall-ispejjeż dovuti għaż-żmien li l-istess Beatrice ġiet rikoverata fl-Isptar it-tieni darba, il-konvenpt ħallas akkont ieħor ta' £2. 2. 6d, u baqgħalu jagħti bilanċ ta' £23. Dan il-ħlas sar mingħajr protesti jew riżervi da parti tal-konvenut, u b'hekk hu ġie jirrikonoxxi d-dritt tal-attur għall-imsemmija spejjeż, u l-lum ma jistgħax jerġa lura u jeħles minn dak id-dejn — prinċipju dan affermat mid-dottrina f'materja ta' preskrizzjoni (v. Laurent, Diritto Civile XXXII, No. 129; Baudry, Prescrizione, § 530), u sanċit ukoll mil-liġi tagħna (art. 2239 Kod. Ċiv.). Konsegwentement, dwar l-imsemmijin bilanċi ma tistgħax tingħata iżjed ebda diskussjoni ladarba l-konvenut bil-ħlas li għamel ġie jirrikonoxxi d-dejn tiegħu residwali;

Illi l-istess ħaġa ma jistgħax jingħad għall-ammonti ta' £177 u £3, billi l-konvenut xejn ma ħallas minnhom, u lanqas irriżulta li huwa aċċetta li jħallashom; għalhekk xieraq li jiġi eżaminat jekk il-mezzi tal-konvenut humiex tali li jħallas bir-rata ta' 10s. mitluba mill-attur jew b'rata iċken;

Illi mix-xhieda mhux kontraddetta tal-konvenut (fol. 19) jirriżulta li huwa jaqla' . . . . .;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat iċ-ċirkustanzi fuq miġjuba, kif ukoll il-fatt li minn xi sena l-hawn il-konvenut reġa' żżewweġ, hija tal-fehma li l-istess konvenut ma kellux

u ma għandux mezzi biex iħallas, mhux biss bir-rata ta' 10s. kull jum, imma lanqas b'rata ridotta; u dan l-istat tiegħu jinsab rikonoxxut anki mill-attur stess, kif jidher mill-verbal fol. 20;

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni, billli din ġiet rinunzjata;

Tilqa' t-talba tal-attur fis-sens li tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' £42. 7. 6d, bl-imgħax legali minn notifika taċ-ċitazzjoni, u tilliberah mill-kumplament;

L-ispejjeż, barra dawk ġa fuq deċiżi, jitħallsu skond ir-rebħ u t-telf.